MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2204/1999/1

**Natasha Olivier f'isimha u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Jessica Fenech nominata b'digriet**

**Vs**

**Louis Fenech**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attrici u l-konvenut kienu jghixu flimkien ghal xi snin, u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla li jisimha Jessica li ghandha hames snin (Ara Dok. A);

Premess illi l-konvenut ma ghadux jghix flimkien ma' l-attrici ghalkemm bintu Jessica baqghet ma' l-attrici;

Premess illi l-konvenut ma huwiex qed ihallas ghal manteniment ta' bintu Jessica;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla Jessica tigi fdata lil ommha l-attrici;

2. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas tal-manteniment ta' bintu Jessica;

3. Tiffissa l-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut lil bintu Jessica;

4. Tordna lill-konvenut li jhallas lill-attrici, fir-residenza taghha, l-ammont ffissat minn din il-Qorti ghal manteniment ta' bintu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa jaqbel li l-kura u l-kustodja tal-minuri Jessica Fenech ghandha tigi fdata f'idejn Natasha Olivier, salv pero` li jibqalu d-dritt ghall-access liberu versu l-minuri, kif huwa diga` ghandu bi ftehim ma' l-istess Natasha Olivier;

2. Illi ghal dak li jirrigwarda manteniment, l-eccepjenti jirrileva li l-uniku dhul li huwa ghandu huwa dak li jinghatalu bhala beneficju tal-ghajnuna socjali li jammonta ghall-Lm28 fil-gimgha u dan stante li jinsab disokkupat u ilu hekk disokkupat ghall-ahhar hames snin, u ghalhekk bhallissa mhux f'posizzjoi li jhallas manteniment;

3. Illi l-eccepjenti jobbliga ruhu li malli u jekk jibda jahdem, huwa jhallas manteniment ghal bintu;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'din l-istanza l-attrici, "*single parent*" qed titlob li tinghata l-kura u l-kustodja tal-bint minuri Jessica imwielda mir-relazzjoni taghha mal-konvenut, li rrikonoxxiha, bl-appozita dikjarazzjoni tieghu fuq l-Att tat-Twelid, Numru ta' Registrazzjoni 4115/94 (fol. 7), bhala l-bint naturali tieghu. Barra minn dan l-attrici qed titlob ukoll ir-retta alimentarja ghal din l-istess bintha minuri;

Ghal dawn it-talbiet il-konvenut wiegeb illi huwa jikkonsentixxi li l-minuri tigi affidata fil-kura u kustodja ta' l-omm, b'dan li jibqa' jkollu access liberu ghaliha;

Kwantu ghal manteniment ghal bintu jghid li billi qed jghaddi bl-ghajnuna socjali ma kienx possibbli ghalih li jhallas manteniment. Aktar tard pero` b'verbal tat-13 ta' Marzu 2001 (fol. 36) jaccetta li jivversa ghaxar liri (Lm10) fix-xahar sakemm isib impjieg;

Fuq l-ewwel aspett tal-vertenza dina l-Qorti tinnota b'sodisfazzjon il-qbil tal-partijiet fuq il-punt tal-kura u l-

kustodja tal-minuri, kompriz dak ta' l-access liberu, anke ghaliex hu gust u xieraq li l-minuri ma tkunx nieqsa mill-affett patern. Tawspika dejjem li bhal ma l-partijiet urew maturita` u bon sens fuq din il-materja dawn jibqghu jikkoltivawhom ghall-futur biex b'hekk jigu evitati piki, inkejja u animosita` bla bzonn. Anzi theggighom biex aktar jikkoperaw flimkien ha jaghtu lil binthom l-ahjar trobbija possibbli. Dan bl-iskop ewlieni li tigi assikurata l-ahjar benessere taghha ghal dik li hi sigurta`, serenita` u stabbilita` fil-hajja futura taghha;

Fil-fehma tal-Qorti pero` l-konvenut irid jifhem li jekk verament ghandu ghal qalbu l-interessi ta' bintu l-inklinazzjoni tieghu ma ghandhiex tkun limitata sempliciment biex jezercita d-dritt li ghandu fuqha bhala missierha jew biex jissodisfa biss l-emozzjonijiet paterni jew dak filjali. Dan id-dritt tieghu ghandu jkun mizurat ukoll minn somministrazzjoni ta' manteniment, anke jekk, *rebus sic stantibus,* dan mhux possibbli li jkun daqstant adegwat, konsiderat il-fatt li prezentement hu dizokkupat;

Din il-Qorti ma tistax taccetta illi ghax persuna ma tkunx qed tahdem u qed tghix bil-beneficcju tas-sigurta` socjali, il-manteniment ghandu jkun biss ordnat u jkollu effett meta hu jkollu impjieg jew xi attivita` ta' qliegh;

F'dan il-kaz il-manteniment ser jigi stabbilit biss ghat-tifla u allura hu ghaqli li mill-ammont percepit minnu l-konvenut ihallas aktar mis-somma mizera ta' ghaxar liri (Lm10) li hu offra li jibda jhallas;

Fil-korp ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jghid li hu jircievi tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm28) fil-gimgha. Dan kien hekk jaghmel fis-sena 2000 meta ntavola n-Nota tieghu. Fl-istat attwali wiehed ghandu jifhem li din is-somma tjiebet u l-konvenut qed jircievi f'beneficcju ammont izjed minn dak li nghad minnu li kien jircievi dakinhar. Konsegwentement il-Qorti ser tahseb biex l-offerta tal-konvenut tigi awmentata wkoll. Kif ser tipprovdi billi tirrizerva wkoll ghas-sitwazzjoni meta l-konvenut ikollu impjieg rimunerattiv jew attivita` li tirrendilu qliegh.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba u tordna l-affidament tal-kura u kustodja tal-bint minuri Jessica lill-attrici ommha. B'dan illi qed takkorda, kif maqbul bejn il-partijiet, access liberu fir-rigward ta' l-istess minuri lill-konvenut;

Tilqa' wkoll it-Tieni u t-Tielet Domandi billi tiddikjara li l-konvenut hu obbligat li jhallas manteniment lill-attrici ghal bint minuri fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm22) fix-xahar sakemm il-posizzjoni tad-dhul tieghu tibqa' kif inhi prezentement. Din is-somma ghandha tithallas direttament lill-attrici mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Jibqa' rizervat lill-attrici l-jedd li tirreklama zieda fil-manteniment meta l-konvenut ikollu xoghol regolari bi qliegh;

Tilqa' konsegwentement ir-Raba' Domanda billi tikkundanna lill-konvenut ihallas l-manteniment fuq iffissat u bil-modalita` premessa.

Fir-rigward ta' l-ispejjez u tenut rigward tac-cirkostanzi, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------